# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 372/21/1 GM**

**L-Avukat Dottor Anthony P Farrugia**

**v.**

**Financial Intelligence Analysis Unit**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-17 ta' Ottubru 2022 li ddikjarat null ir-rikors li bih fetaħ il-kawża.

**<u>Preliminari</u>**

2. Illi l-fatti li wasslu għal dan il-każ huma dawn:

2.1. Illi b'ittra datata 21 ta' Ottubru 2019[1], l-intimata *Financial Intelligence Analysis Unit* (FIAU) infurmat lir-rikorrent li naqas milli jissottometti *evaluation risk questionnaire* kif obbligat li jagħmel bħala *subject person*. Avżatu li dan kien bi ksur tal-Artikolu 19 tal-*Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Regulations* (PMLFTR) u għalhekk tista' tiġi mposta multa amministrattiva ta' €8,000 skont l-Artikolu 21 tal-PMLFTR. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent kien mistieden jibgħat il-kummenti tiegħu;

2.2. Ir-rikorrent bagħat il-kummenti b'*email* datata 22 ta' Novembru 2019[2];

2.3. Permezz ta' ittra datata 4 ta' Frar 2020[3], l-intimata infurmatu li kellu jħallas multa ta' €8,000, iżda kellu jedd jappella mid-deċiżjoni skont l-Artikolu 13A tal-Att kontra Money Laundering ["Kap. 373"];

2.4. Fil-21 ta' Frar 2020, ir-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (Rik. Nru 12/2020 LM)[4];

[1] Fol. 5
[2] Fol. 8 – 9
[3] Fol. 12
[4] Fol. 34 *et seq*.

2.5. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2020, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Dan b'rabta ma' dik il-parti tal-appell tiegħu fejn allega illi l-funzjonijiet tal-FIAU *ai termini* tal-Artikoli 13 u 13B tal-Kap. 373 u tar-Regolament 21 tal-Liġi Sussidjarja 373.01, li taw is-setgħa lill-FIAU jassoġġettawh għall-penali amministrattivi ta' €8,000, jiksru l-jedd fundamentali protett bl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]; u:

2.6. B'digriet mogħti fl-4 ta' Marzu 2021[5], il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet it-talba għal referenza in kwantu intempestiva, frivola u vessatorja.

3. Fit-28 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent fetaħ din il-kawża u allega illi:

> *"l-provvedimenti punittivi tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti komplimentari għall-istess fejn jingħata dritt lill-Korp intimat sabiex jinfliġġi multi u penalitajiet oħra, kif ukoll li jimponi miżuri punittivi u deterrenti oħra fuq entitajiet u persuni responsabbli li għalihom huma applikabbli tali provvedimenti mingħajr proċess ġust u mparzjali a tenur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huma bi ksur tal-istess u b' hekk għandhom jitqiesu nulli u bla effett fil-liġi."*

4. Talab għalhekk lill-Qorti:

> *"1) Tiddikjara illi l-kundanna u konsegwenti multa kif imposta fuq l-esponent mill-Korp intimat, kif intqal u kif jirriżulta mid-diċitura tad-DOK A u DOK C hawn annessi, huma llegali u għaldaqstant nulli, u għandhom jitħassru għaliex bi ksur ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

[5] Fol. 56 *et seq*.

*Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

*2) Tiddikjara ukoll li l-provvedimenti punittivi tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti komplimentari għall-istess fejn jingħata dritt lill-Korp intimat sabiex jinfliġġi multi u penalitajiet oħra, kif ukoll li jimponi miżuri punittivi u deterrenti oġra fuq entitajiet u persuni responsabbli li għalihom huma applikabbli tali provvedimenti mingħajr proċess ġust u imparzjali a tenur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huma bi ksur tal-istess u b'hekk għandhom jitqiesu nulli u bla effett fil-liġi.*

*3) Tipprovdi għall-kumpens xieraq lill-esponent mingħand l-intimati jew min minnhom li jirrifletti l-ħsara morali kaġjonata lill-esponent bħala riżultat tal-proċeduri u penalità imposti kif intqal.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

5. L-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb[6] illi:

*"preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent għadu ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrent m'għandux rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss ġie deċiż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli."*

6. Il-Korp intimat (FIAU) *inter alia* wieġeb[7]:

*"1. Illi fl-ewwel lok jiġi eċċepit illi r-rikors promutur huwa irritu u null stante l-fatt li l-lanjanzi kontenuti fl-istess diga ġew dikjarati frivoli u vessatorji mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz tad-digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 mogħti fil-kors tal-appell fl-ismijiet Avukat Dottor Anthony P Farrugia (KI Nru 46859M) vs Financial Intelligence Analysis Unit et (12/2020LM) (vide Alfred Attard vs Avukat Ġenerali, 6 ta' Mejju 1992).*

[6] Fol. 15 *et seq*.
[7] Fol. 25 *et seq*

*2. Illi fi kwalsiasi każ ... ir-rikors promutur huwa wkoll irritu u null in kwantu għal dak li jirrigwarda l-lanjanzi tar-rikorrent dwar il-liġi nnifisha, huwa jonqos milli jispeċifika liema huma dawk id-dispożizzjonijiet tal-Liġi li allegatament jilledu d-drittijiet fondamentali tiegħu. Din l-Onorabbli Qorti evidentement ma tistax tiddikjara li l-Kap. 373 u r-regolamenti sussidjarji huma nulli fl-intier tagħhom mingħajr indikazzjoni ċara dwar liema huma l-artikoli fil-liġi li qed jiġu kontestati (vide Pauline Cilia vs L-Avukat Ġenerali, 27 ta' Frar 2019).*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrent għandu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċiżjoni tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrent intavola l-appell tiegħu a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell għadu pendenti. Għalhekk f' dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent għad mhux eżawrit. Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti lill din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teserċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319.*

*...*

*5. Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrent għadha qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrent għażel li jintavola appell, huwa għandu jistenna li dak l-appell jieħu l-kors kollu tiegħu billi f' dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali ...*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi nnifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi u b' mod imparzjali u indipendenti minn kull entità jew awtorità oħra u f'dan is-sens il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrent ..."*

7. Il-Qorti tal-ewwel grad imbgħad semgħat il-provi fuq l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tal-Korp intimat u l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat[8], u filwaqt li tat il-fakultà lill-partijiet biex jagħmlu n-noti, ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

[8] Fol. 32, 71 A

8. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2022 ["sentenza appellata"], il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet billi ddikjarat r-rikors promutur irritu u null. Il-motivazzjonijiet tagħha kienu s-segwenti:

> *"Din il-kawża nfetħet wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 ċaħdet talba għal riferenza għaliex qisitha intempestiva, frivola u vessatorja. In vista tal-ftuh tal-proċedura quddiem din il-Qorti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell bi provvediment mogħti fis-17 ta' Novembru 2021 issoprassjediet pendenti l-eżitu tal-proċeduri preżenti.*
>
> *Il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.*
>
> *L-ewwel li sejra tiġi ttrattata hi l-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU għaliex jekk tiġi milqugħa ma jkunx hemm għalfejn tinstama' l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat. L-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU hi li ladarba l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-ilment frivolu u vessatorju, ir-rikors promotur ta' din il-kawża huwa irritu u null. L-FIAU iċċitat sentenza, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet **Alfred Attard v. Avukat Ġenerali** fis-6 ta' Mejju 1992.*
>
> *Dik is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista' jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim'Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża u titlob riferenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma' l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment u intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħdha tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja.*
>
> *Fil-proċedura preżenti, huwa proprju dan li qiegħed jistieden ir-rikorrent lil din il-Qorti biex tagħmel.*
>
> *Għal dan il-motiv, din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara r-rikors promotur irritu u null."*

9. Fis-7 ta' Novembru 2022 ir-rikorrenti appella u ilmenta illi:

9.1. Fl-ewwel lok għandu jiġi mistħarreġ kif l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza a bażi tal-eċċezzjoni preliminari tal-appellata;

9.2. L-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq sentenza li l-insenjamenti tagħha m'għadhomx applikabbli llum-il ġurnata u hemm lok serju ta' temperament *ossia* tibdil f'tali insenjamenti;

9.3. L-Ewwel Qorti naqset milli tqis li d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 fejn ċaħdet it-talba esponenti għal referenza kostituzzjonali wara li qieset li tali talba hija intempestiva, frivola u vessatorja, ma jfissirx li kienet qed tiddetermina l-ilment kostituzzjonali.

10. Permezz tar-risposti rispettivi tagħhom, l-intimati t-tnejn wieġbu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet**

11. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu r-rikorrent jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi għas-sentenza biss fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat dwar l-eżistenza *o meno* ta' rimedji ordinarji u mhux ukoll dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Korp intimat.

12. Fl-ewwel udjenza tat-18 ta' Jannar 2022[9] il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi tal-Korp intimat. Evidenti minn dan li l-oneru tal-prova ġie nvertit *ai fini* tal-eċċezzjonijiet preliminari tagħha. Tant hu hekk li fil-verbal sussegwenti, dak tal-1 ta' Frar 2022[10], wara li tniżżel illi l-avukat tal-Korp intimat ippreżentat nota b'sitt dokumenti, ġie vverbalizzat illi l-istess avukat iddikjarat li l-Korp *"m'għandux iktar provi xi tressaq dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tiegħu".* L-Avukat tal-Istat ukoll iddikjara li ma kellux provi xi jressaq dwar l-ewwel eċċezzjoni. B' hekk, il-Qorti ħalliet il-kawża:

> *"għall-provi tar-rikorrent* ***dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tal-FIAU*** *u dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat"* (enfasi tal-Qorti)

13. Fl-udjenza ta' wara, dik tat-22 ta' Frar 2022[11], xehed ir-rikorrent u wara li talab l-allegazzjoni tal-proċess tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri), iddikjara illi:

> *"m'għandux aktar provi xi jressaq dwar l-eċċezzjonijiet preliminari."*

14. Il-Qorti mbgħad tat lill-partijiet il-fakultà tan-noti u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimata għamlet is-sottomissjonijiet dwar is-sitt eċċezzjonijiet preliminari li tat[12], inkluż l-ewwel waħda li titratta dwar in-nullità tar-rikors promotur u li ntlaqgħet mill-Ewwel Qorti[13]. Din

[9] Fol. 31
[10] Fol. 32
[11] Fol. 71A
[12] Fol. 78 *et seq.*
[13] Fol. 81

ġiet notifikata lir-rikorrent personalment f'idejh[14]. L-Avukat tal-Istat min-naħa l-oħra ppreżenta sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-eċċezzjoni preliminari tiegħu[15].

16. Għal xi raġuni, ir-rikorrent wieġeb[16] biss għas-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat. Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2022[17], saret trattazzjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

17. Għalhekk mill-atti hu ċar li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tal-intimata l-oħra. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

18. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> u t-<u>tielet</u> aggravju r-rikorrent jilmenta illi dak deċiż permezz tas-sentenza appellata hu f'kull każ żbaljat. Dan kemm għaliex l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq sentenza li l-insenjamenti tagħha m'għadhomx applikabbli llum-il ġurnata u kif ukoll għaliex id-digriet tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-4 ta' Marzu 2021 ma jiddeterminax l-ilment fil-meritu.

19. L-intimati min-naħa l-oħra jistrieħu fuq dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każijiet fl-ismijiet:

---

[14] Fol. 99 *overleaf*
[15] Fol. 92 *et seq*.
[16] Fol. 103 - 104
[17] Fol. 102

i. Alan Mifsud v. Avukat Ġenerali et deċiża fit-23 ta' Novembru 1990;

ii. Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija deċiża fit-22 ta' Mejju 1991; u

iii. Alfred Attard v. Avukat Ġenerali deċiża fis-6 ta' Mejju 1992 li ġiet ikkwotata mill-Ewwel Qorti fejn ingħad illi:

> *"Il-Qorti tifhem li l-pożizzjoni proċedurali korretta li nħolqot bil-provvedimenti kostituzzjonali hija fis-sens illi kull persona li waqt xi proċediment quddiem xi qorti – li mhix il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali – jidrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li – dik il-persuna trid tagħżel – jew li tipproċedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Meta tingħażel din it-triq ta' riferenza, il-persuna tkun qegħda effettivament tinkorri r-riskju proċedurali li dik il-Qorti tiddeċiedi li l-kwistjoni tieqaf hemm jekk tiġi kkonsiderata frivola u vessatorja. Altrimenti d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali proċedurali, fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza. Di fatti l-kwistjoni preżenti sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – ġiet effettivament eżaminata minn tliet qrati – mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u minn din il-Qorti Kostituzzjonali. – Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali tas-sistema tagħna li hija bbażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali u li tippermetti biss it-tielet eżami, fil-kamp ristrett tar-ritrattazzjoni. U l-kontro-sens proċedurali jirrikaċċja aktar meta jiġi kkonsiderat illi qed jingħata tripju eżami għall-materja li l-liġi lanqas ma tikkonċedilna d-doppju eżami normali inkwantu l-materja hija frivola u/jew vessatorja."*

20. L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

> *"(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-*

*deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

.............

*(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja."*

21. L-istess jingħad f'Art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319].

22. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-deċiżjoni li biha ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal referenza, irraġunat:

*"8. Tqis ukoll li d-deċiżjoni tal-Korp appellat tal-4 ta' Frar, 2020 li minnha qiegħed jilmenta l-appellant, għadha mhijiex waħda finali u definittiva u hija soġġetta għal dan l-appell li qiegħed isir a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap.373. Min-naħa tiegħu l-appellant isostni li dan l-appell huwa parti minn proċess li qed jingħad li huwa null u bla effett fil-liġi, u mhux il-każ li l-appellant għandu xi rimedju ordinarju x'jeżawrixxi għaliex huwa l-proċess sħiħ li qed jiġi kkontestat u mhux xi parti minnu biss.*

*9. Imma l-qorti tqis li l-appell odjern jista' jkollu l-eżitu li l-penali amministrattiva imposta mill-appellat FIAU tiġi mħassra għal kollox u għalhekk it-talba għal referenza kostituzzjonali f'dan l-istadju, tista' titqies li hija intempestiva. Il-Qorti tqis li l-appellant għandu rimedju ordinarju effettiv ai termini tal-artikolu 13A tal-Kap. 373, u għalhekk għadhom disponibbli għall-appellant mezzi xierqa ta' rimedju għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif ikkontemplat fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.*

*10. Għalhekk tqis li t-talba għal referenza kostituzzjonali magħmula f'dan l-istadju hija frivola u vessatorja, tenut kont ukoll li r-rimedju li għadu miftuħ għall-appellant bir-rikors tal-appell tiegħu, jestendi mhux biss fuq punti ta' liġi imma anki fuq il-meritu. Tqis ukoll li ladarba r-rimedju ordinarju għadu mhux eżawrit, l-appellant għad għandu l-opportunita' li jikseb dak li jrid permezz ta' rimedju ordinarju kontemplat mil-liġi.*

*11. Tqis ukoll li ladarba l-appellant għażel li jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taħt l-artikolu 13A tal-Kap.*

> *373, huwa m'għandux iqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali f'dan il-forum, u jekk tassew ried jilmenta dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-imsemmija liġi, imissu għamel dan billi ressaq kawża kostituzzjonali mill-ewwel. Jekk l-appellant wara l-eżitu ta' dawn il-proċeduri tal-appell jidhirlu li t-tħaddim tal-liġi fil-konfront tiegħu, illeda l-jeddijiet fundamentali tiegħu, mhemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jressaq kawża kostituzzjonali biex jattakka l-liġi".*

23. Evidenti li l-leġislatur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taħt l-Art. 46 tkun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorrent jagħmel talba identika billi minflok jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod defenittiv fl-istadju meta r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza *ai termini* tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza, fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala *"sempliċement frivola jew vessatorja"* (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni). Għalhekk il-fatt li fid-deċiżjoni il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma inkluditx espressament il-kelma *'sempliċement'* mhuwiex ta' vantaġġ għar-rikorrent.

24. Ovvjament dan ir-raġunament qiegħed isir peress li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddeċidiet li t-talba tar-rikorrent hi intempestiva, u għalhekk ma kkunsidratx u lanqas m'għaddiet ġudizzju dwar il-meritu tal-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent. Bid-deċiżjoni li tat l-Ewwel Qorti, il-meritu tal-kwistjoni baqa' impreġudikat għar-rikorrent għal wara li jkun deċiż l-

appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mill-penali imposta fuqu.

25. Għalkemm fir-rikors tal-appell ir-rikorrent għamel referenza għal sentenzi li ngħataw f'kawżi kostituzzjonali wara li kienet ġiet miċħuda talba għal referenza, ma qalx li fihom kienet ingħatat deċiżjoni dwar eċċezzjoni identika għal dik li ddeċidiet l-Ewwel Qorti u li wasslet għall-appell in eżami.

26. Hu veru li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ordnat is-soprasessjoni tal-appell sakemm tinqata' din il-kawża. Dik il-Qorti spjegat għalfejn laqgħet it-talba u ovvjament ma kkunsidratx l-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors promotur li ngħatat f'din il-kawża. Għalhekk il-fatt li laqgħet it-talba għas-soprasessjoni mhu tal-ebda benefiċċju għar-rikorrent biex jegħleb l-eċċezzjoni ta' nullità.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da